SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 53/K6/12

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 16/02/'12 282**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 16/02/'12 337**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2012.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Kienet preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill, Ms Johanna Caruana.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.06 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-9 ta' Frar 2012. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapporti Finanzjarji sal-31 ta' Diċembru 2011
4. Financial Statements
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

### Minuti - Kunsill

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 52/K6/12 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 52/K6/12.

1.3.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

### Minuti - Kumitat Amministrattiv

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 17/KA1/11 u 18/KA1/11 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

1.3.06 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi items 3 u 4 qabel item 2.

1.3.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 3 Rapporti Finanzjarji sal-31 ta' Diċembru 2011

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapporti Finanzjarji mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Settembru 2011 u mill-1 t'Ottubru 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 (Ara Appendiċi 'C' u 'D').

3.02 L-Accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dawn ir-rapporti.

3.03 Wara diskussjoni qasira l-Viċi-Sindku Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tar-Rapporti Finanzjarji mill-1 ta' Lulju 2011 sat-30 ta' Settembru 2011 u mill-1 t'Ottubru 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011.

3.04 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4 Financial Statements

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Financial Statements għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011 (Ara Appendiċi 'E').

4.02 L-Accountant tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dawn il-Financial Statements.

4.03 Wara diskussjoni l-Viċi-Sindku Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011.

4.04 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-istima ta' l-Accountant biex jiġi rranġat *il-fixed assets register* sabiex jiġi rikonċiljat mal-*nominal ledger* hija ta' €1160 inkluz il VAT (Ara Appendiċi 'F').

4.07 L-Accountant ġibdet l-attenzjoni li wara li jsir dan l-eżerċizju l-ITS iridu japlodjawh fuq il-Pastel Evolution.

| | |
|---|---|
| 4.08 | Ġie deċiż unanimament li jintuża s-servizz ta' l-accountant biex jiġi rranġat il-fixed asset register u li tiġi aċċettata l-istima għall-ammont ta' €1160 inkluz il VAT. |
| 4.09 | Ġie deċiz unanimament li jitħallsu l-kontijiet tas-Sur Louis Padovani, invoice nos. 110301 u 110302 datati 28 ta' Marzu 2011 (Ara Inc. 2104/11 u 2105/11 – Appendiċi 'G' u 'H'); |
| 4.10 | Iċ-Chairman irringrazzja lil Ms Joanna Caruana u lis-Segretarju Eżekuttiv għall-ħidma tagħhom. |
| 4.11 | L-Accountant tal-Kunsill, Ms Joanna Caruana ġiet skużata fl-4:00p.m. |

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 134& K1325 | Email mingħand Aġenzija Żgħażagħ rigward taħriġ – Empower 2011/12. |
| 428&K220 | Talba mingħand Malta Now Ltd sabiex jitpoġġew stands għall-gazzetta Malta Now. |
| 491&740 | Korrispondenza rigward il-librerija pubblika. |
| 500 | Email mingħand il-European Cities Against Drugs rigward il-konferenza għas-Sindki. |
| 589 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward reviżjoni tal-Allokazzjoni Finanzjarja. |
| P116 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-Allokazzjoni Finanzjarja 2012 ta' Paceville. |
| 590 | Ittra mingħand Ms. Marisa Micallef rigward talba biex jitnaqqas aktar il-ħinijiet tax-xogħol. |

627 Email mingħand l-I.P.S.L rigward tqassim ta' posta.

675,K177
&707 Email mingħand il-Pulizija rigward il-proġett tas-CCTV.

688&K170 Ittra mingħand AMJ Legal rigward Tender No. RGB 52-03/2011 – Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern Ta' Giorni u Paceville.

696&K222 Email mingħand il-Ministeru għall-Kompetizzjoni Ġusta, Negożji Żgħar u l-Konsumatur rigward sit ta' devoluzjoni.

750,791
792&796 Korrispondenza rigward Ġnien Saver Zarb.

835 Ittra mingħand il-MicaMed Limited rigward ħsarat fid-dawl tal-Milied.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 134 & K1325

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ rigward taħriġ - Empower 2011/12. Ġie deċiż unanimament illi:-

- l-Kunsill jipparteċipa billi jħallas l-ammont ta' €150 lill-Aġenzija Żgħażaġħ biex tkompli tkabbar il-programm ta' Empowerment bil-għan li toħloq opportunita' oħra sabiex ikun faċilitat l-iżvilupp ħolistiku taż-żgħażagħ.

- L-Aġenzija tiġi nfurmata li tista' tagħmel użu mill-*boardroom* tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar ta' Sibt bejn it-8:00a.m. u l-11:00a.m.

Rif. Nru. 428 & K220

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand Malta Now Ltd sabiex jitpoġġew numru ta' *stands* għall-gazzetta Malta Now fil-lokalita'. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni dment li:-

- Il-Kunsill ma jkunx responsabbli għal kwalunkwe ħsarat li jistgħu jiġu kkaġunati lil terzi;
- Ma jkunux ta' periklu għall-pubbliku;
- Jitħalla aċċess fuq il-bankina għall-pubbliku skont kif titlob il-Liġi;
- Jinħarġu il-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kkonċernati;
- Jinħareġ il-permess skont il-Bye-Laws;
- Il-Kunsill iżomm id-dritt li jneħħihom jew iċċaqlaqhom minn fejn ikunu.

2.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro wasal fl-4:10p.m.

Rif. Nru. 491 & 740

2.05 Saret riferenza għall-email mingħand il-Librerija Pubblika rigward ir-rata jekk tiftah aktar sigħat il-fergħa ta' San Ġiljan. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jiltaqa' mal-librar tal-lokalita' biex jara x'interess hemm min-naħa tal-pubbliku u f'kaz li jkun hemm talba qawwija għall-aktar ħinijiet tal-ftuħ, dawn jiżdiedu b'erba' siegħat oħra fil-ġimgħa.

Rif. Nru. 500

2.06 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-European Cities Against Drugs rigward il-konferenza għas-Sindki li ser issir f'Killarney fl-Irlanda bejn id-9 u t-12 ta' Mejju, 2012. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li peress li l-Kunsill huwa membru fl-ECAD ikun xieraq li s-Sindku li jiġi elett fl-elezzjoni li jmiss flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jattendu għal din il-konferenza.

2.07 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill ma jsibx oġġezjoni li s-Sindku u s-Segretarju

Eżekuttiv jattendu għal din il-konferenza fl-Irlanda għas-spejjeż tal-Kunsill.

Rif. Nru. 590

2.08 Saret riferenza għall-ittra mingħand Ms. Marisa Micallef rigward talba biex jitnaqqas aktar il-ħinijiet tax-xogħol. Hawnhekk saret riferenza għall-Minuti 52/K6/12 datati 26 ta' Jannar 2012 taqsima 8, paragrafi 8.01 – 8.03.

2.09 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li Ms. Marisa Micallef taħdem mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mis-7:00a.m. sas-1:00p.m. għall-perjodu ta' sentejn, dment li ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni min-naħa tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Rif. Nru. 688 & K170

2.10 Saret riferenza għall-ittra mingħand AMJ Legal rigward Tender No. RGB 52-03/2011 – Manutenzjoni fil-Binjiet tal-Gvern Ta' Ġiorni u Paceville. Il-Kunsill ġie nfurmat illi din l-ittra ntbagħtet lill-Avv. Stefano Filletti għall-attenzjoni u għall-gwida tiegħu.

Rif. 675 & 707

2.11 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Korp tal-Pulizija ta' Malta għandhom il-ħsieb li japplikaw għall-fondi ta' l-Unjoni Ewropea ghal proġett '*Prevention of Crime'* fejn jiġu nstallati numru ta' CCTV's. Kien għalhekk li l-Kunsill San Ġiljan flimkien mal-Kunsilli Lokali Pembroke u Swieqi ġew avviċinati biex jipparteċipaw f'dan il-proġett. Waqt il-laqgħa li saret il-Headquarters tal-Pulizija dawk kollha preżenti qalbu mal-prinċipju u li l-Korp japplika għall-fondi għal dan il-proġett.

2.12 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Rif. Nru. 750, 791, 792 & 796

2.13 Saret riferenza għad-diversi emails li l-Kunsill irċieva rigward Ġnien Saver Zarb. Ġie deċiż unanimament illi l-Kummissarju tat-Tfal, is-Sinjura Helen D'Amato tiġi nfurmata li l-Kunsill għadu qed jistenna l-istima mingħand il-Perit tal-Kunsill sabiex jiġi rranġat Ġnien Saver Zarb u li dan ingħalaq iżda mhux mill-Kunsill.

Rif. Nru. 835

2.14 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-MicaMed Limited u għall-fattura STJ02-12, datata 13.02.2012 rigward ħsarat fid-dawl tal-Milied. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill iħallas l-ammont ta' €1,593.00c. jiġifieri nofs l-ammont tal-fattura.

**5 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'I').

5.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3124 sa 3144 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'J').

6.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3124 sa 3144.

6.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

6.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 7 Materji Oħra

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li nħareġ avviz biex jiġu rrangati żewġt bibien u biex isir xi xkaffar. Dan l-avviż jagħlaq fl-24 ta' Frar 2012 (Ara Appendiċi 'K').

7.02 Saret riferenza għall-korrispondenza 7357/11 u 4941/11. Inġibded l-attenzjoni li dawn iż-żewġ ittri huma simili u li ttieħdu żewġ deċiżjonijiet. Wahda f'laqgħa Minuti 52/K6/12, u l-oħra f'laqgħa Minuti 48/K6/11 (Ara Appendiċi 'L').

7.03 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li d-deċiżjoni meħuda fil-Minuti 52/K6/12 taqa'.

7.04 Il-Kunsill ġie nfurmat li hemm numru ta' bozoz maqtugħin madwar il-lokalita' u li dawn ser jiġu rranġati;

7.05 Ġie deċiż unanimament li l-ikla li kellha ssir fi żmien il-Milied u li ma saritx ser issir fit-8 ta' Marzu 2012 fis-7.30p.m. il-MEET Restaurant.

7.06 Il-laqgħa li jmiss ser issir fit-8 ta' Marzu 2012 fis-7:00p.m.

7.07 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-5.15p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |